**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Uffiċjal Reviżur**
**Magistrat Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 16/24VG**

**Michael Piccinino f'ismu personali u fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista**

**Vs**

**Elizabeth Ann Abela**
**Il-Kummissjoni Elettorali**

**Illum 20 ta' Mejju 2024**

**L-Uffiċjal Reviżur,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Michael Piccinino pro et noe fis-26 ta' April 2024, permezz ta' liema jitlob li l-Uffiċjal Reviżur tordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tikkoreġi r-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, ir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Kunsilli Lokali u r-Reġistru Elettorali rivedut ta' l-Unjoni Ewropea li ġew pubblikati fil-Gazetta tal-Gvern ta' l-20 ta' April 2024, fis-sens illi Elizabeth Ann Abela, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0290685(M), tiġi reġistrata bħala elettur fil-indirizz fejn hija effettivament tgħammar;

Rat li b'Digriet datat 30 ta' April 2024, ir-Rikors ippreżentat minn Michael Piccinino pro et noe ġie appuntat għas-smigħ għat-Tlieta 7 ta' Mejju 2024 u ġiet ordnata n-notifika lil Elizabeth Ann Abela, lill-Kummissjoni Elettorali u lill-persuni indikati fl-istess Rikors;

Rat in-Nota u r-Rikors ippreżentati mir-Rikorrenti pro et noe fit-2 ta' Mejju 2024 u rat id-Digriet datat 2 ta' Mejju 2024;

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Dr. Ramona Attard f'isimha proprju u fil-kwalità tagħha ta' President u in rappreżentanza tal-Partit Laburista u d-dokumenti annessi miegħu, ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2024, permezz ta' liema talbet li tiġi awtorizzata tintervjeni f'dawn il-proċeduri f'isima proprju u fil-kwalità tagħha ta' President u in rappreżentanza tal-Partit Laburista;

Rat id-Digriet datat 7 ta' Mejju 2024 permezz ta' liema t-talba ta' Dr. Ramona Attard pro et noe ġiet milqugħa;

Rat illi l-imsemmi Digriet tas-7 ta' Mejju 2024 ġie revokat mill-Qorti ta' l-Appell b'deċiżjoni pronunċjata fil-15 ta' Mejju 2024;

Rat illi waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2024, Dr. Ramona Attard pro et noe talbet għar-rikuża tal-Maġistrat sedenti;

Rat id-Digriet datat 7 ta' Mejju 2024 permezz ta' liema t-talba ta' Dr. Ramona Attard pro et noe għar-rikuża tal-Maġistrat sedenti ġiet miċħuda;

Semgħet ix-xhieda tar-Rikorrent, ta' Savio Borg, in rappreżentanza tal-Kummissjoni Elettorali, ta' l-Inġinier Ryan Callus, ta' Reuben Bonnici, in rappreżentanza ta' l-Automated Revenue Management Services Limited, ta' Carmen Scerri Lautier, in rappreżentanza tal-Maltapost, ta' Amanda Vella, in rappreżentanza tal-Water Services Corporation, tal-Prokuratur Legali Christina Caruana Aquilina, in rappreżentanza ta' Enemalta p.l.c., ta' Joseph Rivans, in rappreżentanza ta' l-Aġenzija Identità Malta, ta' Andrew Xuereb, in rappreżentanza ta' l-Awtorità tad-Djar, u ta' Elizabeth Ann Abela, ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2024, u rat id-dokumenti esebiti mir-Rikorrent markati Dok. "MP" u Dok. "MP1", id-dokumenti esebiti minn Savio Borg markati Dok. "SB1" sa' Dok. "SB6", id-dokumenti esebiti minn Reuben Bonnici markati Dok. "RB1" sa' Dok. RB6" u d-dokumenti esebiti minn Joseph Rivans markati Dok. "JR1" sa' Dok. "JR6";

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent pro et noe jitlob li l-Uffiċjal Reviżur tordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tikkoreġi r-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, ir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Kunsilli Lokali u r-Reġistru Elettorali rivedut ta' l-Unjoni Ewropea li ġew pubblikati fil-Gazetta tal-Gvern ta' l-20 ta' April 2024, fis-sens illi Elizabeth Ann Abela, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0290685(M), tiġi reġistrata bħala elettur fil-indirizz fejn hija effettivament tgħammar.

Ir-Rikorrent pro et noe jibbaża t-talba tiegħu fuq il-premessa li għalkemm l-imsemmija Elizabeth Ann Abela tinsab reġistrata fl-imsemmija Reġistri fl-indirizz Binja Silvio Parnis, Fl 111, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi, in verità hija tgħammar fl-indirizz 61, Triq San Nikola, Siġġiewi.

Qabel ma tidħol fil-mertu tat-talba tar-Rikorrent pro et noe, l-Uffiċjal Reviżur tħoss li għandha tittratta l-posizzjoni tar-Rikorrent <u>qua Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista</u> u l-jedd ta' l-imsemmi Partit Politiku li jressaq it-talba odjerna.

L-Artikolu 40(1) tal-Kap.354 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq liema huma msejsa l-proċeduri odjerni, jipprovdi li: *kull elettur reġistrat li jgħid li xi persuna oħra li isimha jidher fir-Reġistru Elettorali jew ma għandhiex jedd li tkun reġistrata bħala elettur, jew, li l-isem, l-indirizz, jew partikolaritajiet oħra relattivi tagħha ma humiex murija b'mod korrett fir-Reġistru Elettorali skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ikollu dritt ta' appell lill-Uffiċjal Reviżur mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali jew sabiex jinqata' barra isem dak l-elettur mir-Reġistru Elettorali jew sabiex ismu, l-indiriżż jew partikolaritajiet oħra tiegħu jidhru b'mod korrett.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li l-jedd għall-azzjoni odjerna jispetta lil **kull elettur**, iżda imkien ma jissemma Partit Politiku. Jiġi osservat ukoll li fid-deċiżjoni Tagħha tal-15 ta' Mejju 2024 dwar it-talba għar-revoka tad-Digriet ta' l-Uffiċjal Reviżur

tas-7 ta' Mejju 2024, il-Qorti ta' l-Appell osservat illi: *Din il-Qorti m'għandhiex lanqas l-iċken dubju li partit politiku huwa protagonist ewlieni fi proċess elettorali, b'dana għalhekk li huwa għandu mhux biss l-interess iżda anke kull jedd li jiġi miżmum infurmat b'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-elezzjoni, inkluż dwar kull bdil li jseħħ fir-reġistru elettorali. Biss però mbilli partit politiku għandu kull jedd li jkun jaf dwar dak kollu li qed jitniżżel fir-reġistru elettorali, b'daqshekk dan ma jfissirx li huwa għandu jedd li jiġi kkonsultat jew illi jiġi involut fi proċess dwar talba għall-bdil tal-indirizz jew fil-partikolaritajiet ta' kif elettur għandu jidher f'reġistru elettorali*[1]*. … Tassew minn kliem l-Artikolu 41(1) jinżel ċar li l-partijiet li għandhom jedd illi jinstemgħu mill-Uffiċjal Reviżur huma: (i) l-appellant li jkun qed jitlob il-bdil fir-reġistru elettorali ; (ii) il-Kummissjoni Elettorali li bil-liġi hija responsabbli miż-żamma tar-reġistri elettorali; u (iii) il-persuna li kontriha jkun sar l-appell, jekk kemm-il darba l-appell ikun tressaq minn elettur reġistrat kontra elettur reġistrat ieħor*[2]*.*

Fil-footnote għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fil-para. 23 (i), speċjalment fir-rigward ta' min huwa appellant li jitlob bdil fir-reġistru elettorali, Hija osservat li: *l-appellant jista' jkun kemm l-elettur innifsu li ma jkunx qiegħed jaqbel ma' kif huwa stess jkun jinsab reġistrat (ara Artikoli 36 sa 37 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali), kif ukoll elettur reġistrat li jkun qiegħed jikkontesta kif persuna oħra qed tidher fir-reġistru elettorali (ara Artikolu 40 tal-Att dwar lElezzjonijiet Ġenerali).*

Osservat ulterjorment illi *fuq kollox, din il-fehma tal-Qorti li partit politiku m'għandux jedd li jieħu sehem fi proċeduri bħal dawn quddiem l-Uffiċjal Reviżur tinsab imsaħħa wkoll mill-Artikolu 13(10) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, li jgħid li huma biss l-applikant jew l-appellant, il-Kummissjoni Elettorali u l-elettur involut li għandhom il-jedd li jappellaw mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur quddiem il-Qorti tal-Appell. Dawn huma l-istess tliet persuni li jissemmew fl-Artikolu 41(1) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali. Għal darb'oħra partiti politiċi ma jissemmewx*[3]*. … L-Uffiċjal Reviżur iżda qalet fid-deċiżjoni appellata li l-Partit Laburista għandu l-jedd li jieħu sehem fil-proċeduri dwar il-vot ta' Elizabeth Ann Abela minħabba dak li jgħidu l-Artikoli 13(9), 14, 28 u 43 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali. Sinċerament din il-Qorti ma tarax minn fejn joħroġ minn dawn lartikoli, illi partit politiku għandu l-jedd li jipparteċipa fi proċeduri bħal dawk li hemm pendenti quddiem l-Uffiċjal Reviżur*[4]*. … Kif għidna aktar kmieni, partit politiku għandu kull jedd li jinżamm infurmat b'kull tibdil li jsir fir-reġistru elettorali għaliex partit politiku huwa protagonist ewlieni fl-elezzjoni. Imma dan il-jedd tiegħu li jikseb dan it-tagħrif ma jsarrafx ruħu f'jedd li partit politiku jista' jindaħal fil-proċess tal-korrezzjoni ta' indirizz ta' elettur partikolari. Daqskemm elettur m'għandux obbligu li jkellem jew javża minn qabel lill-partiti politiċi sabiex ibiddel l-indirizz tiegħu, daqstant ieħor l-Uffiċjal Reviżur jew din il-Qorti tal-Appell f'każ li jkun hemm appell mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur, m'għandhomx bżonn illi joqogħdu jisimgħu x'għandhom xi jgħidu l-partiti politiċi, f'każ li elettur reġistrat iressaq talba taħt l-Artikoli 40 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali sabiex jiġi korreġut l-indirizz ta' kif jinsab reġistrat elettur ieħor. B'żieda ma' dan, din il-Qorti ttenni dak li qalet qabel, jiġifieri li l-liġi hija ċara ħafna dwar min għandu l-jedd li jinstema' mill-Uffiċjal Reviżur f'każ ta' appell għall-korrezzjoni ta' indirizz ta' elettur. Dawn in-nies huma: (i) l-appellant li jkun qiegħed jitlob li għandha titwettaq il-bidla; (ii) il-Kummissjoni Elettorali li hija responsabbli miż-żamma tar-*

[1] Para. 20 tad-Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

[2] Para. 23 tad-Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

[3] Para. 25 tad-Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

[4] Para. 30 u 31 tad-Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

*reġistru elettorali; u (iii) l-elettur, fil-każ tagħna Elizabeth Ann Abela, li dwar lindirizz tagħha qiegħda tintalab il-korrezzjoni*[5].

L-Uffiċjal Reviżur hija tal-fehma li għalkemm dawn l-osservazzjonijiet da parte tal-Qorti ta' l-Appell saru fil-kuntest ta' talba għall-intervent tal-Partit Laburista f'dawn il-proċeduri, hija ma tistax u ma għandhiex tinjora dak osservat mill-istess Qorti dwar il-fatt li Partit Politiku, hu liema hu, ma għandu l-ebda dritt fil-Liġi li jindaħal, u hawn l-Uffiċjal Reviżur tifhem li l-Qorti kienet qed tirreferi kemm bħala promotur tal-proċeduri kif ukoll bħala intevenut, fil-proċess tal-korrezzjoni ta' indirizz ta' elettur partikolari.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk huwa evidenti li l-Uffiċjal Reviżur ma tistax u ma għandiex tikkonsidra t-talba avvanzata minn Michael Piccinino qua Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista. Li tista' u għandha tagħmel, stante li l-kwalifika tiegħu bħala elettur ma ġietx kontestata u dana lanqas mill-Kummissjoni Elettorali, huwa li tikkonsidra it-talba kif imressqa mir-Rikorrent f'ismu personali.

F'dawn il-proċeduri xehdu rappreżentanti ta' diversi entitajiet illi lkoll xehdu dwar l-istat attwali ta' Binja Silvio Parnis, dwar il-fatt li l-meters ta' l-ilma għadhom ma ġewx installati u li għad ma hemmx konsum ta' servizzi fl-istess binja, inkluż fil-flat bin-numru 111. Andrew Xuereb in rappreżentanza ta' l-Awtorità tad-Djar xehed illi għalkemm il-*promise of allocation* fir-rigward ta' Elizabeth Ann Abela saret fis-16 ta' Marzu 2022, il-kuntratt ta' lokazzjoni għall-flat bin-numru 111 għadu (jew ta' l-inqas sa' dakinhar li xehed kien għadu) ma sarx. Savio Borg, in rappreżentanza tal-Kummissjoni Elettorali, u Joseph Rivans, in rappreżentanza ta' l-Aġenzija Identità Malta, entrambe xehdu li Elizabeth Ann Abela biddlet l-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identità tagħha għal fuq l-indirizz Binja Silvio Parnis, Fl 111, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi, u mix-xhieda ta' Rivans u d-dokumenti esebiti minnu jirriżulta li l-applikazzjoni għal tali bidla saret fil-11 ta' April 2024.

Mix-xhieda ta' Elizabeth Ann Abela jirriżulta li minkejja l-bidla ta' l-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identità tagħha hija kienet u għadha (sad-data meta xehdet f'dawn il-proċeduri, ossia s-7 ta' Mejju 2024) tirrisjedi fil-fond indikat mir-Rikorrent fir-Rikors promotur, ossia 61, Triq San Nikola, Siġġiewi u mhux fl-appartament ġewwa Binja Silvio Parnis.

L-Artikolu 22 tal-Kap.354 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Min ikollu l-jedd li jiġi reġistrat għall-vot għandu jiġi biss reġistrat fid-distrett u* ***bl-indirizz li fih huwa soltu jgħammar***[6]*: Iżda jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni li persuna ma tkunx reġistrata fid-distrett u skont l-indirizz li fih huwa soltu jgħammar, il-Kummissjoni ma jkollhiex dritt tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna iżda hija għandha tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23.*

Is-Subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.354 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdu li: *(1) Ir-Reġistru Elettorali għandu jintgħamel minn daqstant taqsimiet daqskemm ikun hemm lokalitajiet, taqsima għal kull lokalità, u kull lokalità għandha terġa' tinqasam f'daqstant taqsimiet daqskemm il-Kummissjoni tqis li jkun meħtieġ jew konvenjenti. Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima tal-Att, il-kelma "lokalità" għandha l-istess tifsir bħalma għandha mogħti lilha fl-Att dwar Gvern Lokali. (2) Kull taqsima tar-Reġistru Elettorali għandha tintgħamel f'ordni alfabetiku skont l-isem ta' kull triq, u l-eletturi għandhom jidhru skont l-ordni alfabetiku ta' kunjomhom taħt isem it-triq fejn ikunu reġistrati, u*

[5] Para. 36 u 37 tad-Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

[6] Enfasi ta' l-Uffiċjal Reviżur.

*għandhom jidhru maġenb isem kull elettur dak* ***il-post fejn ikun soltu joqgħod***[7] *u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni tiegħu.*

L-Artikolu 14(1) tal-Kap. 467 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Persuna li titlob li tiġi reġistrata fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea għandha tiġi hekk reġistrata biss u jkollha jedd li tibqa' hekk reġistrata biss jekk, minbarra li tkun tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-artikolu 11, tiddikjara lill-Kummissjoni Elettorali: (a) li tkun residenti f'Malta; (b) xi tkun in-nazzjonalità tagħha; (ċ) id-data meta tkun bdiet toqgħod f'Malta jew f'xi Stat Membru ieħor; (d)* ***l-indirizz tagħha f'Malta***[8]*; (e) il-lokalità jew kostitwenza fl-Istat Membru ta' nazzjonalità tagħha jew f'xi Stat Membru ieħor, jekk ikun il-każ, li fl-Elenku Elettorali tagħha isimha jkun ġie l-aħħar reġistrat; (f) li tkun se teżerċuta l-jedd tagħha li tivvota f'Malta biss; (g) li ma tkunx ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tivvota fl-Istat Membru ta' nazzjonalità tagħha; u tippreżenta lill-imsemmija Kummissjoni dokument ta' identità validu.*

Dawn il-provvedimenti japplikaw ukoll għall-finijiet ta' Kunsilli Lokali in kwantu l-Artikolu 7 tal-Kap.363 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Il-persuni li għandhom jedd li jivvotaw f'elezzjoni ta' Kunsilli Lokali huma dawk il-persuni li jkunu reġistrati bħala votanti f'dik it-taqsima tar-Reġistru Elettorali jew tar-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea li tirreferi għal-lokalità li għaliha se jkunu eletti kunsillieri lokali.*

In fine jiġi osservat li ai termini ta' l-Artikolu 5(2) tal-Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta: *(2) Il-karta tal-identità għandu jkollha ritratt tal-persuna li lilha tkun ġiet maħruġa, liema, fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, ikun verament jixbaħ lil dik il-persuna fil-ħin li ġiet maħruġa l-karta tal-identità u għandu jkun hemm fuqha wkoll id-data li fiha tindika l-bidu tal-validità tagħha u meta tiskadi, u numru ta' identifikazzjoni tad-detentur li jista' jkun jew in-numru tal-att ta' twelid kif mgħoti mir-Reġistratur Pubbliku jew kull numru ieħor kif jista' jiġi mogħti lilha mill-uffiċjal awtorizzat. Għandu wkoll ikollha l-firma jew kopja tal-firma reċenti tad-detentur, kif ukoll id-dettalji tal-persuna konċernata li ġejjin: (a) isem u kunjom; (b)* ***l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza f'Malta***[9]*; (ċ) sess; (d) nazzjonalità; (e) post u d-data tat-twelid, u tista' tinkludi dawk id-dettalji jew informazzjoni oħra kif l-uffiċjal awtorizzat jidhirlu xierqa: Iżda d-dokument jista' jinkludi wkoll isem u, jew kunjom li bihom il-persuna tkun komunement magħrufa, liema isem u, jew kunjom għandhom jiġu indikati bil-kliem "magħruf bħala" skont id-diskrezzjoni tal-uffiċjal awtorizzat. L-inklużjoni tal-kliem "magħruf bħala" qabel l-isem u, jew il-kunjom għandhom ikunu permessi biss jekk l-uffiċjal awtorizzat ikun sodisfatt li hemm raġunijiet suffiċjenti li jistħoqqilhom li jiġu inklużi. Id-deċiżjoni tal-uffiċjal awtorizzat għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji preskritti.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi joħroġ ċar li r-rekwiżit ta' residenza u ta' indirizz ma humiex ibbażati fuq fejn persuna jista' għandha l-intenzjoni li tmur tgħix u tirrisjedi iżda fuq fejn dik l-istess persuna effettivament tgħix u tirrisjedi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tar-Reġistri Elettorali. Fid-dawl ta' dan għalhekk u fid-dawl tal-provi prodotti f'dawn il-proċeduri huwa evidenti li r-reġistrazzjoni ta' Elizabeth Ann Abela, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0290685(M), fl-indirizz Binja Silvio Parnis Fl 111, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi, ma hijiex korretta u jeħtieġ li tali reġistrazzjoni tiġi debitament mibdula u l-indirizz tal-post fejn hija tgħammar u jikkostitwixxi l-indirizz prinċipali tagħha jkun indikat bħala 61, Triq San Nicola, Siġġiewi.

[7] Enfasi ta' l-Uffiċjal Reviżur.

[8] Enfasi ta' l-Uffiċjal Reviżur.

[9] Enfasi ta' l-Uffiċjal Reviżur.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Uffiċjal Reviżur taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' it-talba kif avvanzata mir-Rikorrenti f'ismu personali biss u tordna lill-Kummissjoni Elettorali tikkoreġi r-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, ir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Kunsilli Lokali u r-Reġistru Elettorali rivedut ta' l-Unjoni Ewropea li ġew pubblikati fil-Gazetta tal-Gvern ta' l-20 ta' April 2024, b'dana illi Elizabeth Ann Abela, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0290685(M), ma jibqax reġistrat fl-indirizz Binja Silvio Parnis, Fl 111, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi, iżda jiġi reġistrat fl-indirizz 61, Triq San Nicola, Siġġiewi.

**MAĠISTRAT**
**UFFIĊJAL REVIŻUR**